# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 522/98**

**Numru 30**

**Dr George Zammit Maempel**

**vs**

**Adrian Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas is-somma ta' tlett mija u tlett liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm303.20,0) rappresentanti d-danni sofferti mill-attur rizulanti mill-incident awtomobilistiku li gara fit-2 ta' Gunju, 1997 (ghall-habta ta' 20:30 hours), meta l-konvenut, li kien qed isuq karozza "Honda" bin-numru ta' registrazzjojni LAF 378, investa lill-attur u ikkaguna hsara fil-karozza tal-attur tal-marka "Yugo" li jgib in-numru ta' registrazzjoni KAH 709, liema incident sar f'Mannarino Road, B'Kara u ghal-liema incident il-konvenut unikament responsabbli

minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur, illi hareg minn triq sekondarja ghal gewwa triq principali li fuqha kien qed isuq l-eccipjenti, minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega u minghajr ma waqaf kif kien dirett illi jaghmel anke mis-sinjali tat-traffiku fuq il-post, u b'hekk holoq emergenza subitanea lill-eccipjenti, illi kienet il-kawza prossima ta' l-incident.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-attur xehed (a fol 13 et seq ibid) li fil-gurnata in kwistjoni ghall-habta tat-8.30p.m. kien qed jsuq f'Triq is-Sacro Cuor, triq laterali ghal go dik principali ossija Triq Mannarino. Kif wasal hawnhekk, hu waqaf sakemm mill-istess triq principali ghaddew erba' karozzi u ra li ma kien gej hadd. Ghalhekk hu hareg ghal fuq it-triq principali sabiex jidhol f'dik ta' faccata. Meta wasal f'nofs it-triq, hu rega hares u filfatt ma kien gej hadd miz-zewg nahat. Kif esattament kien ser jidhol fit-triq ta' faccata, hu hass daqqa u sab li kien dar 180° u b'hekk il-vettura tieghu giet thares lejn it-triq laterali minn fejn kien hareg. Hu hareg mill-vettura tieghu u sab lill-konvenut mal-art u li kien qed jibki u jaghjjat. Da parti tieghu l-attur qallu ".... ohrog kemm trid bil-karozza izda iggerrix kif kont qed iggerri".

Illi PS 833 Francis Seychell (Fol 17 et seq ibid) innota li l-vettura misjuqa mill-attur kellha hsarat fuq il-mudguard u l-fanal ta' wara tax-xellug waqt li dik misjuqa mill-konvenut kellha danni fuq il-"bonnet", "bumper" u "mudguard" ta' quddiem fuq il-lemin. Inoltre innota ukoll, bhal ma xehed l-attur, li wara il-vettura tal-konvenut kien hemm "brakemarks twal 27 metru (ara fol 21 kif ukoll l-iskizz a fol 26).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 28 et seq ibid) xehed li kien gej mid-direzzjoni ta' Birkirkara u sejjer lejn l-Imsida permezz ta' Triq Mannarino triq dritta. Hawnhekk l-attur hareg minn triq laterali fuq il-lemin tieghu. Ghalhekk hu ghafas il-"brake" izda l-karozza tieghu, ghada gdida "baqghet sejra" u laqtet dik tal-attur li daret. Hu issottolinea li kien dejjem fuq in-naha tieghu tat-triq. In rigward il-velocita' li kienet qed tinsaq il-vettura tieghu hu xehed li ma kellux "idea b'xi speed kont ghaddej" izda, fi kliemu stess "nahseb li l-ispeed limit f'dik l-area hija 40 mil fis-siegha".

Ikkunsidrat

Illi a basi tal-premess u tal-provi kif hawn fuq esposti jidher evidenti li l-konvenut kien qed jsuq fil-lokalita' in kwistjoni b'velocita in eccess, liema fatt hu evidenti mit-tul ta' "brake marks" li instabu wara l-vettura tieghu. Dan il-fatt jirrendi lill-konvenut bhala "a main road abuser" u l-Qorti thoss li r-responsabilta' ta' dan l-incident trid tigi akkollata lilu waqt li l-attur jidher li ha l-prekawzjonijiet kollha rikjesti minnu waqt li hu kien hiereg mit-triq laterali sabiex jaqsam dik principali. Fid-dawl ta' dan, l-istess Qorti ma tarax li f'dan il-kaz tissusisti xi kontributorjeta' da parti tal-istess attur.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u;

1. tikkonsidra lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida d-danni konsegwenzjali mhux kontestati fl-ammont ta' Lm303.20,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur s-somma ta' Lm303.20,0 bl-imghaxijiet legali mill-17 ta' Lulju 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-17 ta' Lulju 1997.

Alan Calleja
Dep.Reg